MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.
## JOSEPH S. REFALO

Seduta ta' l-10 ta' Mejju, 2005

Talba Numru. 91/2005

**Maltacom p.l.c. (C-22334)**
**vs**

**Rita Caruana (ID489353M)**

**It-Tribunal,**

**Ra l-avviz fl-ismijiet premessi prezentat fil-11 ta' Jannar, 2005, fejn intalab il-hlas ta' disa' mija u tmenin lira Maltija u wiehed u hamsin centezmu (Lm980.51), ammont dovut lis-socjeta` attrici in konnessjoni mas-servizzi telefoniku bin-numru 694025 skond kif jirrizulta mill-annessi dokumenti markati Dok.A u B.**
**Illi l-konvenuta giet interpellata diversi drabi sabiex thallas izda baqghet inadempjenti u ghalhekk kellha ssir din il-kawza.**
**Bl-ispejjez u imghaxijiet legali kontra l-konvenuta ngunta ghas-subizzjoni.**

**Ra l-kapitolu prezentat mis-socjeta` attrici fis-26 ta' April, 2005 ghas-subizzjoni tal-konvenuta. Ra li l-konvenuta baqghet ma dehritx u lanqas ma pprezentat risposta u ghalhekk id-domandi attrici ghandhom jitqiesu bhala konfermati.**

**Ghaldaqstant it-Tribunal qed jilqa' t-talba attrici u jikkundanna lill-konvenuta thallas lis-socjeta` attrici s-somma ta' disa' mija u tmenin lira Maltija u wiehed u hamsin centezmu (Lm980.51) bl-imghax legali mit-18 ta' April, 2005, u bl-ispejjez kontra l-konvenuta.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------